MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 49/1998/1

Citazzjoni numru 49/1998

Carmel Azzopardi u martu Josephine Azzopardi

vs

Josephine Cauchi u b'digriet tas-17 ta' Lulju 1998 John Muscat gie nominat kuratur ta' l-istess Josephine Cauchi stante li din tinsab imsiefra

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li fiha ppremettew:

" illi fid-29 ta' Lulju 1996 ghall-habta tad-digha u ghoxrin ta' fil-ghaxija (9.20pm) l-attur Carmel Azzopardi kien involut f'incident tat-traffiku fit-triq ta' Xhajma, limiti ta' Nadur, Ghawdex, meta waqt illi kien passigier fuq il-motor

cycle numru Q7118 dan safa investit minn vettura Vauxhall Nova misjuqa mill-konvenuta, numru V1691;

Illi ghall-incident fuq imsemmi tahti unikament u esklussivament l-konvenuta Josephine Cauchi, minhabba sewqan eccessiv u imprudenti da parti taghha, minhabba illi kienet ghaddejja “wrong side” u minhabba illi hija naqset tosserva r-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-atturi sofrew danni per konsegwenza tal-imsemmi incident konsistenti f’feriti fuq il-persuna ta’ Carmel Azzopardi illi rrendewh mhux kapaci jattendi ghall-xoghlu, u anki hallew effetti u debilita permanenti fuq persuntu; liema feriti ghalhekk kienu fonti ta’ danni emergenti u lukri cessanti ghall-atturi;

Illi l-atturi jridu illi jigu kompensati ta’ dawn id-danni;

TALBU ghalhekk ghaliex ma ghandhiex il-Qorti;

1. tiddikjara lil Josephine Cauchi unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. tikkundannhom ihalsu dawn id-danni kif likwidati;

Bl-ispejjes inkluzi l-ittra interpellatorja tal-15 ta’ Dicembru 1997 u l-ittra ufficjali ta’ Jannar 1998 kontra l-konvenuta, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment; il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. illi l-eccipjenti mhix responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mill-konvenut billi l-incident in kwistjoni ma garax htija taghha izda gara kollu htija ta' Frangisk Azzopardi li fil-hin tal-incident kien is-sewwieq tal-mutur Suzuki 70 bin-numru ta' registrazzjoni Q-7118, li fuqu l-attur Carmelo Azzopardi kien riekeb bhala passiggier;

2. illi kien is-sewwieq tal-mutur Frangisk Azzopardi, li jigi iben l-atturi, li ghamel manuvra perikoluza hafna ta' sorpass meta bla ma ha ebda prekawzjoni fegg minn wara l-vettura li kienet quddiemu, qabez id-double white line u invada l-karreggjata tal-eccipjenti bil-konsegwenza li holqilha emergenza subitanea u fic-cirkostanzi l-unika azzjoni evasiva li l-eccipjenti setghet tiehu biex tevita konsegwenzi aktar gravi kien li gibdet kemm jista' jkun lejn il-hajt taghha meta rat lis-sewwieq tal-mutur gej direttament ghal fuqha;

3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-kawza tittratta kollizjoni bejn vettura Vauxhall Nova numru ta' registrazzjoni V1691 misjuqa mill-konvenuta u mutur Suzuki 80cc numru ta' registrazzjoni Q7118 misjuq minn Frangisku Azzopardi, bin l-attur Carmel li kien rikeb fuq wara. Konsegwenza tal-kollizjoni iz-zewg vetturi sofrew danni zghar izda Carmel Azzopardi safa korrut b'mod gravi tant li sofra disabilita permanenti fuq il-persuna tieghu, kif ahjar spjegat aktar 'il isfel f'dan il-gudikat.

Dwar il-kollizjoni *ut sic* m'hemmx kontestazzjoni li grat circa d-disgha ta' filghaxija (9.00pm) fi Triq tax-Xhajma fid-29 ta' Lulju 1996 fil-waqt li l-atturi kienu jittransitawha minn

Nadur ghar-Rabat u l-konvenuta mid-direzzjoni opposta ossija mir-Rabat ghan-Nadur. Jigifieri il-kollizjoni sehhet fil-waqt li is-sewwieqa kienu jsuqu fid-direzzjoni opposta ghal xulxin. Hemm qbil ukoll, u z-zewg skizz fl-atti jikkorroborawh, li l-linja medjana tat-triq hi maqsuma b'zewg linji bojod kontinwi. Id-divergenzi bejn il-kontendenti huma dwar id-dinamika tal-incident filli t-tnejn jakkampaw it-tort fuq l-iehor u jsostnu li meta sehhet il-habta huma kienu fuq in-naha tat-triq taghhom. Dana hu effettivament il-punt determinanti tal-kawza, jigifieri, min, fost il-konvenuta u s-sewwieq tal-mutur, kien responsabbli ghall-kollizjoni ghaliex l-attur, li, kif intqal kien passigier fuq il-mutur, qieghed bil-prezenti citazzjoni, jirreklama danni kontra l-konvenuta konsistenti f'danni emergenti u lukri cessanti.

Illi sabiex jigi stabbilit it-tort il-Qorti ser isegwi dan l-itinerarju:

(a) tezamina x-xhieda tal-persuni direttament kojinvolti;

(b) sussegwentement tezamina provi ohra senjatament xhieda u indizji li jirrizultaw mill-atti.

Illi fir-rigward l-ewwel, il-brani saljenti, mix-xhieda tal-persuni direttament koinvolti, huma:

- iben l-attur, is-sewwieq tal-mutur, xehed li l-velocita tieghu kienet ta' 25 mil fis-siegha; kien niezel minn Nadur u meta wasal hdejn il-korsa tax-Xhajma ra karozza gejja mill-faccata b'dawl qawwi u sab ruhu mal-art; cahad li kien qieghed jissorpassa jew jittanta jissorpassa vettura ohra, anzi afferma li ma kienx hemm karozzi ohra la quddiemu u lanqas warajh li kienu sejrin fl-istess direzzjoni tieghu;

- missieru, l-attur, stqarr li kien cert li kienu ghaddejjin fuq in-naha taghhom tat-triq tant li kienu ghaddejjin qrib is-sigar illi hemm ma' genb hajt fit-triq, jigifieri li kienu eqreb lejn is-sigar milli lejn is-sinjal abjad illi hemm mizbugh

f'nofs it-triq; cahad li kien hemm manuvra ta' sorpass immedjatament qabel sehh l-impatt;

- l-konvenuta spjegat l-incident hekk: li kienet qed issuq fuq il-linja taghha tax-xellug wara bosta karozzi. Mid-direzzjoni opposta lejn ir-Rabat kienu gejjin vetturi. Il-mutur involut fl-incident kien qieghed jinstaq qrib hafna tal-linja tac-centru u warajh kien hemm erba' jew hames karozzi. Ziedet tghid li f'daqqa u l-hin il-mutur qabez il-linja tac-centru u gie fuq il-karreggjata taghha. Tahseb li din il-manuvra saret biex il-mutur jaqbez vettura li kienet quddiemu izda hi ma rat ebda indikazzjoni mill-mutur li kien ser jaqbez xi vettura. Kif rat hekk ippruvat tevvitah billi reknet kemm jista' jkun ghal genb tat-triq fuq ix-xellug pero' l-manku tieghu mess mal-mera tal-karozza taghha bil-konsegwenza illi s-sewwieq tal-mutur tilef il-kontroll u spicca jitkaxxkar ma' l-art ghal diversi metri. Sostniet li l-incident sehh interament fuq il-karreggjata taghha. Stqarret li kienet ghaddejja b'xi tletin jew erbghin fis-siegha, ma tafx jekk mili jew kilometri. Ikkonfermat li hi saqet 'il hemm biex tghajjat ambulanza u rritornat lura fuq il-post tal-incident xi hin wara.

Illi l-versjoni tal-imsemmija fuq citati *a tempo vergine* huma riportati fl-okkorrenza tal-ufficjal tal-pulizija li investiga l-kaz, esebita folio 32. Tajjeb li jigu riprodotti l-partijiet saljenti li jistqarru li:

- Josephine Cauchi (il-konvenuta) qalet li kienet sejra lejn in-Nadur u quddiemha kellha karozza ohra li kienet hsiebha fiha. Mid-direzzjoni opposta kienu gejjin ghadd ta' karozzi u f'daqqa wahda semghet habta go fiha u taf li qabel rat mutur gej mid-direzzjoni opposta li kien qieghed jaqla' karozza li kellu quddiemu, u waqt din il-manuvra, baqa' diehel fuqha. Certa li kienet fuq il-linja taghha u ziedet li hi telqet minn fuq il-post sabiex tmur iccempel ghall-ambulanza.

- Frangisk Azzopardi (is-sewwieq tal-mutur) qal li kien sejjer lejn ir-Rabat bil-mod meta ghamieh dawl qawwi ta' karozza li giet mid-direzzjoni opposta. Qal li ghalhekk tilef

il-kontroll u waqa’ u spicca habat ma’ karozza li kienet gejja warajh.

- Carmel Azzopardi (l-attur) ukoll tkellem dwar l-incident u qal li lit-tifel ghamieh dawl ta’ karozza u ghalhekk sehhet il-habta.

Illi fost x-xhieda identifikati bhala mhux direttament koinvolti ma’ l-incident hemm is-surgent tal-pulizija li nvestiga l-kaz u pprepara l-iskizz u l-okkorrenza, certu Ray Borg (prodott mill-attur) u l-AIC Guido Vella (nominat perit tekniku fl-inkjesta). Li l-imsemmi Ray Borg spiega (fol.43) li kien qed isuq il-vettura tieghu mid-direzzjoni tan-Nadur ghal Victoria. Kien tul ta’ sitt karozzi meta fi kliemu “ quddiemu ra karozza u mutur ma’ genbha. Ma’ genb din il-karozza ra dan il-mutur u rah jahbat darbtejn mal-karozza. L-ewwel darba illi ra dawn il-vetturi kien dak il-hin li ra il-mutur jahbat mal-karozza. Ma rahomx qabel u ma jafx min kien qed jissorpassa lil min, jekk fil-fatt kien qieghed isir hekk. Huwa gibed ghal genb u f’daqqa wahda ra lill-mutur idur ma’ l-art u waqaf ”. Issokta jghid li “jahseb li kien hemm sitt karozzi boghod minnu meta induna bihom l-ewwel darba (jigifieri l-mutur u l-karozza) pero’ ma setax jiftakar jekk kienux gejjin kontra tieghu jew inkella kienux qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni tieghu. Jiftakar pero’ illi l-mutur dahru kien qed jara. Bejn wiehed u iehor iz-zewg vetturi, cioe’ il-karozza u l-mutur kienu ghal nofs it-triq. Fuq il-mutur kien hemm zewg persuni, wiehed minnhom kien mitfugh ma’ l-art fit-triq u l-iehor gie ezatt quddiem il-karozza tieghu”. Fir-rigward iz-zewg xhieda l-ohra fuq indikati r-rilevanza, f’dan it-tangent, huwa l-iskizz minnhom redatt separatament. Ghal dak li hu l-iskizz tas-surgent (folio 6) hu spjega li l-“spot of impact” ma kienx determinabbli ghalkemm huwa ndikah fuq suggeriment tal-konvenuta izda ndika wkoll fejn irrizultalu xi frak ta’ hgieg fl-art provenjenti l-istess mill-vettura tal-konvenuta. Oltre indika xi brixx li ma setghax jistabilixxi l-origini u spjega l-hsarat bhala konsistenti: dawk fuq il-mutur, li kienu kompatibbli ma’ brix u koncentrati fil-“frame”, fil-pedala tal-“brake” u fl-“stand” tan-naha tal-lemin; dawk tal-vettura fuq il-“front right mudguard”, il-mera u l-“quarter window”. Dawn id-danni

jaqblu ma dawk deskritti, ghalkemm izjed esawrjentement, fir-relazzjoni tal-AIC Vella (folio 57 et seq). Mill-iskizz esebiti (folio 6 u 56 rispettivament) jirrisulta xi frakk ta' hgieg li nghad provenjenti mill-mera tal-vettura. Dan il-frak hu biswit il-linja doppja medjana tat-triq ghalkemm fuq in-naha tal-karreggjata tal-vettura.

Ikkunsidrat:

Illi mill-kwadru tal-fatti li jemergu il-Qorti ikkonkludiet li kemm il-mutur kif ukoll l-vettura kienu qed jinstaqu qrib hafna l-linja medjana tat-triq, li konsidrata l-konfigurazzjoni tat-triq, dritta, asfaltata, mixghula u minghajr ostakolu ghall-vizwali taz-zewg sewwieqa, jikkostitwixxi per se sewqan imprudenti. Il-frak tal-hgieg jista' juri li kien il-mutur li nvada l-karreggjata tal-konvenuta dovut possibilment minn dawl qawwi li tellef l-orjentament tas-sewwieq tal-mutur. Madanakollu sewwieq li joltrepassa l-linja medjana ma jigix b'daqstant awtomatikament responsabbli ghall-kollizjoni (Vol XLVII. ii.966 citata b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza *Dr Louis Bianchi noe vs Robert Patiniott deciza 7 ta' Ottubru 1997*) u l-Qorti ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li iz-zewg sewwieqa ghandhom flimkien jinzammu responsabbli ghall-kollizjoni anki jekk f'persentagg inugwali stante li r-responsabilita aktar gravuza hi dik tas-sewwieq tal-mutur li indipendentement minn kollox qatt ma kellu isuq il-mutur rasenti l-linja medjana. In vista ta' dan qeghdha takkolla r-responsabilita kwantu ghal terz lill-konvenuta u zewg terzi lill-sewwieq tal-mutur.

Ikkunsidrat:

Li l-attur qieghed jirreklama danni fil-konfront tal-konvenuta komprendenti danni emergenti u lukri cessanti. Jinghad li fir-rigward danni emergenti m'hemm xejn li mill-provi tali danni gew sofferti. Ghal dak li huma lukri cessanti l-attur jirrizulta li sofra disabilita permanenti fuq persuntu kawza ta' l-incident mertu ta' din il-kawza ta' 20% (ara “Konkluzjonijiet” tal-periti perizjuri folio 126).

Illi wara li kkunsidrat li l-attur kellu paga ta’ erbgha u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm94.80) kull hmistax (folio 54) ossija elfejn erba’ mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm2465) annwi u li fid-data tal-incident kellu 48 sena, tikkunsidra li ghandha tadotta l-kriterju stabbilit fil-kawza *Butler v Herd* fuq multiplier applikat ghall-kuncett ta “working life expectancy” ta’ 18-il sena biex taghmel tajjeb ghal kull evenjenza anke ta’ inflazjoni fil-futur, nieqes ghoxrin fil-mija (20%) bhala “lump sum payment, b’dan li s-somma likwidata tammonta ghal sebat elef disgha u disghin lira Maltin (Lm7099) li minnhom il-konvenuta ghandha thallas l-ammont ta’ elfejn tliet mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm2366) ossija t-terz taghha tar-responsabilita.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghdha tiddisponi mill-kawza billi:

1. tichad l-ewwel talba tal-atturi fis-sens li tiddikjara lill-konvenuta in kwantu ghal terz responsabbli ghall-incident stradali meritu l-kawza;

2. tillikwida d-danni li l-konvenuta ghandha thallas lill-atturi fis-somma ta’ elfjn tliet mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm2366);

3. tikkundannha thallas dan l-ammont lill-atturi.

Spejjez tal-kawza jinqasmu kwantu ghal-terz lill-konvenuta u zewg terzi lill-atturi.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

---------------------------------TMIEM---------------------------------